**QORTI TAL-APPELL KRIMINALI**

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 229/2020**

**Il-Pulizija**

**vs.**

**Jane Farrugia**

Illum 22 ta' Mejju 2023

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-appellanti **Jane Farrugia**, detentriċi tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 387369(M), akkużata quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) talli b'diversi atti magħmulin ukoll jekk fi żminijiet differenti, li jiksru l-istess dispożizzjonijiet tal-liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, u ċioè:

1. fiż-żminijiet bejn is-07 ta' Awwissu 2013 u l-24 ta' Marzu 2014 mill-fond Dolce Sorpiza, Triq George Caruana, Ħal-Tarxien, Malta u/jew f'dawn il-Gżejjer ikkommettiet serq ta' dawl

elettriku fl-ammont ta' aktar minn elfejn, tliet mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37), liema serq hu ikkwalifikat bil-mezz, valur, lok, u ħin għad-detriment tal-Korporazzjoni Enemalta u/jew persuni/entitajiet oħra;

2. fl-istess żmien u ċirkostanzi għamlet ħsara fil-makkinarju jew fil-gummi tal-elettriku jew ikkagunat telf tal-kurrent elettriku.

Il-Qorti ġiet mitluba li tapplika Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tad-29 ta' Ottubru 2020 fejn il-Qorti, wara li rat Artikoli 15A, 17, 18, 28A, 31, 261(b)(c)(e)(f), 263, 264(1), 264(2), 267, 269, 270, 279, 279(b), 280, 326, 532A u 533 tal-Kaptiolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, filwaqt li ma sabitx lill-imputata ħatja tat-tieni (2) imputazzjoni u minnha illiberatha, sabitha ħatja ta' l-ewwel (1) imputazzjoni u kkundannataha tmintax (18)-il xahar priġunerija li b'applikazzjoni ta' Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ġew sospiżi għal tliet (3) snin. *In oltre*, b'applikazzjoni ta' Artikolu 28H tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta l-Ewwel Qorti ordnat lill-ħatja sabiex fi żmien sitt (6) xhur minn dakinhar tas-sentenza tħallas lill-Korporazzjoni Enemalta s-somma ta' tlitt elef, mija u tlieta u disgħin Euro u tmien ċentezmi (€3,193.08) rappreżentanti telf u danni kif mitluba u konfermati mill-Korporazzjoni Enemalta. L-Ewwel Qorti spjegat lill-ħatja bi kliem ċar ir-responsabbilita' tagħha taħt Artikolu 28B tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta jekk matul il-perjodu operattiv hija tikkommetti reat li għalih hemm piena ta' priġunerija.

Rat ir-Rikors tal-appellanti ppreżentat fit-3 ta' Novembru 2020 fejn talbet lil din il-Qorti sabiex: *"jogħġobha tikkonferma s-sentenza appellata tad-29 ta' Ottubru 2020 mogħtija mill-Onorabbli Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fil-parti fejn sabet lill-appellanta mhux ħatja tat-tieni imputazzjoni lilha addebitata u tirrevoka l-istess sentenza fil-parti fejn l-Ewwel Onorabbli Qorti kkundannat lill-appellanta għal piena karċerarja ta' tmintax-il xahar (18)*

*priġunerija, li bl-applikazzjoni ta' l-Artikolu 28A tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta għandhom ikunu sospiżi għal żmien tliet (3) snin u l-ħlas ta' tlett elef, mja u tlieta u disgħin Euro u tmien ċenteżmi (€3193.08) rappreżentanti telf u danni kif mitluba u konfermati mill-Korporazzjoni EneMalta u dan skont dawk il-provvedimenti u modalitajiet li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa u opportuni."*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat illi dan l-appell ġie assenjat lil din il-Qorti kif preseduta fid-9 ta' Jannar 2023 b'"Assenjazzjonijiet ta' Kawżi u Doveri" mogħti mis-S.T.O. Prim'Imħallef Mark Chetcuti.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellanti eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat it-traskrizzjoni tas-sottomissjonijiet bil-fomm li kienu saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta.

Semgħet, fis-seduta tal-20 ta' April 2023, lill-appellanti tgħid li ma kellhiex bżonn tkun assistita minn avukat għall-imsemmija seduta u li l-Qorti setgħet tgħaddi sabiex tagħti s-sentenza tagħha.

Semgħet, fis-seduta tal-20 ta' April 2023, lill-Avukat Ġenerali jiddikjara li ma kellu xejn aktar xi jżid mas-sottomissjonijiet li kienu diġa' saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta.

**Ikkunsidrat**

Illi fir-Rikors tal-appell tagħha l-appellanti tressaq is-segwenti aggravji:

- fl-ewwel aggravju l-appellanti tisħaq li mill-atti proċesswali tirriżulta konfużjoni dwar l-identita' tal-fond li fuqu saret l-investigazzjoni;

- fit-tieni aggravju jiġi argumentat li la l-uffiċjali tal-Enemalta u wisq anqas il-Pulizija Eżekuttiva ma setgħet tkun selettiva dwar kontra min kienet ser tieħu passi u tixli bir-reat;

- fit-tielet aggravju jingħad li meta l-appellanti ġiet sottomessa għal mistoqsijiet mill-uffiċjali tal-Enemalta, hija ma ġietx mogħtija d-dritt tagħha tas-silenzju u anqas ġiet mogħtija d-dritt li tkun assistita mill-avukat tal-fiduċja tagħha;

- fir-raba' aggravju l-appellanti ssostni li l-Enemalta, *qua* investigatur, naqset li tindirizza dak li ddikjarat hi (l-appellanti) meta ġiet infurmata li kienu ser jibdlu l-*meter* u li l-*meter* kien wieħed ġdid peress li ma kienx ilu li nbidel;

- fil-ħames aggravju ġie argumentat li l-appellanti ma taqbilx mal-konklużjonijiet milħuqa mill-Ewwel Qorti u dana minkejja li hi tapprezza l-analiżi li għamlet l-istess Qorti meta kkunsidrat l-elementi li jikkostitwixxu r-reat.

**Ikkunsidrat**

Illi qabel tipproċedi ulterjorment din il-Qorti tinnota li tul is-smiegħ tas-sottomissjonijiet bil-fomm (*a fol.* 235 *et seq.*) li saru quddiem din il-Qorti diversament preseduta, l-Avukat Ġenerali qajjem punt preliminari u qal hekk (*a fol.* 238 u 239): *"jekk inħarsu lejn ir-Rikors ta' appell, mela inti għandek l-aggravji fuq il-mertu fir-rigward tal-ewwel imputazzjoni. Imma mbagħad jekk tħares lejn it-talba, it-talba qiegħda fir-rigward tal-piena, riforma tal-piena, mhux riforma li tirrigwarda l-mertu, tipo fir-rigward tal-kundanna. Jiġifieri t-talba ma hijiex qed tirrepeti dak li hemm fl-aggravju [...] U jiena fl-umli fehma tiegħi, il-Qorti hija marbuta ma' li hemm fit-talba."*

Illi tul l-istess sottomissjonijiet hawn fuq imsemmija, il-konsulent legali tal-appellanti talab li jsir *Pre-Sentencing Report* fil-konfront tal-appellanti u l-Qorti diversament preseduta ma laqgħetx din it-talba iżda stiednet lill-konsulent legali msemmi jagħmel is-sottomissjonijiet tiegħu dwar il-piena.

Illi l-konsulent legali tal-appellanti ssottometta li l-piena ta' priġunerija sospiża hija wisq u li ma tirreflettix il-parteċipazzjoni, jekk qattx kien hemm, tal-appellanti. Minn naħa l-oħra l-Avukat Ġenerali qal li l-piena ma għandhiex tkun varjata u sostna li f'dan il-każ Ordni ta' *Probation* mhijiex waħda adattata.

**Ikkunsidrat**

Illi aktar 'il fuq f'din is-sentenza din il-Qorti ċċitat it-talba hekk kif kontenuta fir-Rikors tal-appell tal-appellanti u tinnota li fiha ma hemmx talba għar-revoka tas-sentenza għal dak li huwa mertu. Jiġi nnutat li l-mod kif inhi redatta t-talba hija ristretta għal dik li hija piena.

Illi l-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fl-20 ta' Diċembru 2022 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Wajdi Lazhir Benhamed** (Numru 386/2022) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "10. Issa, għal dak li jirrigwarda appelli minn piena, huwa paċifiku li sabiex Qorti tal-Appell tibdel il-piena li tkun erogat l-ewwel Qorti, irid jirriżultalha li tali piena tkun żbaljata fil-prinċipju jew manifestament eċċessiva. [...]
>
> 11. Mill-banda l-oħra din il-Qorti trid tagħmel l-evalwazzjoni tagħha dwar jekk il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) applikatx piena li kienet manifestament eċċessiva meta wieħed jieħu kont ukoll tal-aspetti retributtivi u preventivi tas-sentenza emessa minnha."

Illi l-Qorti taqbel ma' dak hawn fuq ikkwotat u tagħmlu tagħha b'dan illi wara li eżaminat bir-reqqa l-provi kollha mressqa f'dan il-każ u rat il-piena erogata mill-Ewwel Qorti jirriżultalha li ma tara l-ebda raġuni valida u legali għala għandha tibdel il-piena erogata mill-Ewwel Qorti. Għaldaqstant, l-appell tal-appellanti qed ikun miċħud.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell imressaq mill-appellanti Jane Farrugia u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha b'dan illi ż-żmien ta' sospensjoni jibda għaddej mid-data ta' din is-sentenza li huma tmintax (18)-il xahar priġunerija sospiżi għal tliet (3) snin. Dan jgħodd ukoll għall-perjodu ta' sitt (6) xhur skont Artikolu 28H tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta sabiex isir il-ħlas lill-Korporazzjoni Enemalta tas-somma ta' tlitt elef, mija u tlieta u disgħin Euro u tmien ċenteżmi (€3193.08) rappreżentanti telf u danni kif mitluba u kkonfermati mill-Korporazzjoni Enemalta. Finalment, din il-Qorti tfakkar lill-appellanti bi kliem ċar u li jinftiehem ir-responsabilita' tagħha jekk matul il-perjodu operattiv hija tikkommetti reat li għalih hemm piena ta' priġunerija u jekk ma tħallasx l-ammont hawn fuq imsemmi lill-Korporazzjoni Enemalta fiż-żmien mogħti.

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**